

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6209/22

FIN 159
INST 30
PE-L 11

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6017/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fis-7 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2022 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2021/007 FR/Selecta)¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².
2. L-għan ta' dan it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 4.07 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) għall-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*), kif indikat fid-dokument 6017/22.

¹ Dok. 6016/22.

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Frar 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif imniżżel fid-dokument 6017/22; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).